REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1032

tal-25 ta' Mejju 2023

li jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV) u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) u l-Artikolu 52 tiegħu,

Billi:

(1) Il-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV) ("il-pest speċifikat") bħalissa mhuwiex elenkat bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni jew bħala pest irregolat mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([3]). Madankollu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fis-Sottotaqsima 2 tat-Taqsima 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2031 biex issir valutazzjoni preliminari għall-identifikazzjoni tal-pesti li jikkwalifikaw proviżorjament bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni li jeħtieġu miżuri temporanji kif imsemmi fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1191 ([4]) stabbilixxa l-miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-pest speċifikat. Dak ir-Regolament se jiskadi fil-31 ta' Mejju 2023.

(3) Wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191, inġabret informazzjoni xjentifika aktar riċenti dwar it-tixrid tal-pest speċifikat u dwar il-metodi tal-ittestjar, u l-awditi li wettqu s-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew feedback dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet u dwar l-impatt li kellhom fuq il-protezzjoni kontra t-tixrid tal-marda. Dan jiġġustifika l-ħtieġa li jiġi adottat att ġdid b'miżuri aktar dettaljati minn dawk previsti f'dak ir-Regolament.

(4) Sabiex jiġi żgurat l-aktar approċċ proattiv għall-protezzjoni fitosanitarja, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri għal każijiet meta xi persuna, tkun min tkun, tissuspetta jew tinduna bil-preżenza tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, u miżuri għan-notifika korrispondenti lill-awtorità kompetenti, u l-azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-awtorità.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1191 tal-11 ta' Awwissu 2020 li jistabbilixxi miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV) u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1615 (ĠU L 262, 12.8.2020, p. 6).

(5) Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata uffiċjalment fit-territorju ta' Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tistabbilixxi żona demarkata biex tiżgura l-qerda ta' dak il-pest u l-prevenzjoni tat-tixrid tiegħu fil-bqija tat-territorju tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat l-aktar approċċ xieraq u proporzjonat, jenħtieġ li jiġu adottati regoli differenti għad-demarkazzjoni f'każ li l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata f'siti tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika, billi dik il-protezzjoni tnaqqas ir-riskju fitosanitarju.

(6) Sabiex ikun żgurat approċċ aktar proattiv għall-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu stħarriġ annwali dwar il-preżenza tal-pest speċifikat fit-territorju tagħhom.

(7) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dwar il-moviment fl-Unjoni ta' żrieragħ tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tagħha, u tal-*Capsicum* spp. ("iż-żrieragħ speċifikati"), u tal-pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ speċifikati, tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tagħha, u tal-*Capsicum* spp. ("il-pjanti għat-tħawwil speċifikati"), għar-raġuni li huma dawk iż-żrieragħ u dawk il-pjanti għat-tħawwil l-aktar li x'aktarx jospitaw u jxerrdu l-pest speċifikat.

(8) Jenħtieġ li, skont x'jixraq għat-tip ta' pjanta u għall-produzzjoni tagħha, ir-regoli jkunu dwar il-ħelsien mill-pest fis-sit tal-produzzjoni, dwar l-ispezzjoni viżiva, il-kampjunar u l-ittestjar, l-immaniġġjar xieraq tal-lottijiet, u dwar il-miżuri għall-pjanti ommijiet. Dan l-approċċ jenħtieġ biex il-miżuri jiġu addattati skont iċ-ċirkostanzi tekniċi ta' kull każ ta' produzzjoni u ta' moviment taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti speċifikati.

(9) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tieħu l-kampjuni u tittestja l-lottijiet kollha taż-żrieragħ speċifikati biex jekk ikun hemm il-pest speċifikat, dan jinstab. Jenħtieġ li dawk iż-żrieragħ speċifikati jiġu ttestjati wkoll mill-awtorità kompetenti jew mill-operaturi professjonisti, skont kif ikun japplika, qabel ma jitkompla l-ipproċessar, u jenħtieġ li minn dawk it-testijiet ikun instab li huma ħielsa mill-pest speċifikat. Jeħtieġ li dan isir biex ikun protett it-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat, billi ż-żrieragħ speċifikati huma l-materjal tal-bidu għall-produzzjoni tal-pjanti rispettivi kollha.

(10) Biex ikun protett it-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni minn pajjiżi terzi taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu simili għal dawk li jikkonċernaw il-moviment taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati fl-Unjoni, biex ikun żgurat approċċ mhux diskriminatorju.

(11) Huwa proporzjonat li minn dawk ir-rekwiżiti jkunu eżentati ż-żrieragħ speċifikati u l-pjanti speċifikati ta' varjetajiet li hu magħruf li huma reżistenti għall-pest speċifikat għaliex ir-riskju fitosanitarju rispettiv huwa mnaqqas għal livell aċċettabbli fil-każ ta' dawk il-varjetajiet tal-pjanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu lista ta' dawk il-varjetajiet reżistenti, aġġornata regolarment, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

(12) Sabiex jiġu żgurati kontrolli uffiċjali effettivi kontra d-dħul tal-pest speċifikat fl-Unjoni, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tieħu u tittestja l-kampjuni minn mill-inqas 20 % tal-kunsinni taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati fil-postijiet ta' kontroll mal-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni, jew f'punt ta' kontroll kif imsemmi fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2123 ([5]). Għall-kunsinni taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati li joriġinaw mill-Iżrael u miċ-Ċina, jenħtieġ li r-rata ta' kampjunar u ttestjar tkun ta' 50 % u 100 %, rispettivament, minħabba l-għadd kbir ta' interċettazzjonijiet tal-pest speċifikat f'komoditajiet li joriġinaw minn dawk il-pajjiżi terzi.

(13) Biex il-pajjiżi terzi, l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonisti jkollhom biżżejjed żmien biex jaddattaw għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jibda japplika mill-1 ta' Settembru 2023. Għaldaqstant, u biex tiġi evitata kull lakuna legali, l-iskadenza tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191 jenħtieġ li tiġi estiża mill-31 ta' Mejju 2023 sal-31 ta' Awwissu 2023.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2123 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-każijiet meta l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi fuq ċerti oġġetti jistgħu jitwettqu f'punti ta' kontroll u l-verifiki dokumentarji jistgħu jitwettqu 'l boghod mill-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u l-kundizzjonijiet li bihom isiru dawn il-verifiki (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 64).

(14) Il-valutazzjoni sħiħa tal-pest speċifikat biex jiġi ddeterminat ir-riskju tiegħu għat-territorju tal-Unjoni għadha ma saritx. Għal din ir-raġuni jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika sal-31 ta' Diċembru 2024, biex sa dik id-data jkun ingħata żmien biżżejjed biex issir dik il-valutazzjoni.

(15) Jenħtieġ li r-regoli ta' dan ir-Regolament jibdew japplikaw fl-iqsar żmien possibbli biex ir-riskji fitosanitarji tal-pest speċifikat jiġu indirizzati malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV)

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-"pest speċifikat" tfisser il-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV);

(b) il-"pjanti speċifikati" tfisser pjanti tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tagħhom, u l-pjanti tal-*Capsicum* spp., minbarra ż-żrieragħ speċifikati u l-frott speċifikat;

(c) il-"pjanti għat-tħawwil speċifikati" tfisser pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-*Capsicum* spp. għajr iż-żrieragħ speċifikati;

(d) iż-"żrieragħ speċifikati" tfisser iż-żrieragħ tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tiegħu u ż-żrieragħ tal-*Capsicum* spp.;

(e) il-"frott speċifikat" tfisser il-frott tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tiegħu, u l-frott tal-*Capsicum* spp.

Artikolu 3

Projbizzjonijiet li jikkonċernaw il-pest speċifikat

Il-pest speċifikat ma għandux jiġi introdott, jinġarr, jinżamm, jiżdied jew jiġi rilaxxat fit-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 4

Miżuri f'każ ta' suspett jew ta' għarfien tal-preżenza tal-pest speċifikat

1. Kull persuna li tissuspetta jew li ssir taf bil-preżenza tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti minnufih u tipprovdilha l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-preżenza, jew il-preżenza suspettata, ta' dak il-pest.

2. Meta tirċievi din l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) minnufih tirreġistra l-informazzjoni li tkun waslitilha;

(b) tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi kkonfermata jew rifjutata l-preżenza jew il-preżenza suspettata tal-pest speċifikat;

(c) tiżgura li kull persuna li jkollha mill-pjanti speċifikati, miż-żrieragħ speċifikati jew mill-frott speċifikat li jistgħu jkunu infettati bil-pest speċifikat fil-kontroll tagħha tkun infurmata minnufih b'dan li ġej:

(i) il-preżenza jew il-preżenza suspettata tal-pest speċifikat; u

(ii) ir-riskji possibbli assoċjati mal-pest speċifikat u l-miżuri li jridu jittieħdu.

Artikolu 5

Stħarriġ dwar il-preżenza tal-pest speċifikat

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġ annwali dwar il-preżenza tal-pest speċifikat fit-territorji tagħhom.

2. Dak l-istħarriġ għandu:

(a) jinkludi l-kampjunar u l-ittestjar kif stabbilit fl-Anness; u

(b) ikun ibbażat fuq:

(i) ir-riskju vvalutat tal-introduzzjoni tal-pest speċifikat fl-Istat Membru kkonċernat u tat-tixrid fih, u

(ii) prinċipji xjentifiċi u tekniċi sodi, rigward il-possibbiltà tad-detezzjoni tal-pest speċifikat.

3. Sat-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-istħarriġiet li twettqu fis-sena kalendarja preċedenti.

Artikolu 6

Miżuri f'każ ta' konferma tal-preżenza tal-pest speċifikat

1. Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata uffiċjalment fit-territorju ta' Stat Membru, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri x-xierqa biex jinqered il-pest speċifikat f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/2031.

Dik l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 fir-rigward tal-pest speċifikat.

Il-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-pjanti għat-tħawwil speċifikati tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lista aġġornata regolarment ta' dawk il-varjetajiet reżistenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

2. L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tistabbilixxi żona demarkata kif ġej:

(a) jekk ikun hemm il-pest speċifikat f'siti tal-produzzjoni bi protezzjoni fiżika, iż-żona demarkata għandha tkun mill-inqas is-sit tal-produzzjoni fejn ikun instab il-pest speċifikat;

(b) jekk ikun hemm il-pest speċifikat f'siti tal-produzzjoni għajr dawk imsemmija fil-punt (a), iż-żona demarkata għandha tikkonsisti minn:

(i) żona infestata li tinkludi mill-inqas is-sit tal-produzzjoni fejn ikun instab il-pest speċifikat;

(ii) żona ta' lqugħ ta' mill-inqas 30 m madwar iż-żona infestata.

3. Fiż-żona demarkata, l-awtorità kompetenti, jew l-operatur professjonist taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, għandhom:

(a) fis-siti tal-produzzjoni maħsuba għall-produzzjoni tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati jew għall-produzzjoni taż-żrieragħ speċifikati:

(i) minnufih jaqilgħu u jeqirdu l-lottijiet infettati kollha tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati u, fejn japplika, il-materjal li fih qed jitkabbru u ż-żrieragħ speċifikati li joriġinaw minn dawk il-lottijiet. Biex jinqalgħu u jinqerdu l-pjanti u ż-żrieragħ għandu jintuża metodu li jelimina kull riskju li l-pest speċifikat jinxtered;

(ii) jużaw miżuri tal-iġjene speċifiċi fuq il-persunal, fuq l-istrutturi, l-għodod u l-makkinarju fis-sit tal-produzzjoni, fuq il-materjali u fuq il-mezzi tat-trasport, biex jipprevjenu li l-pest speċifikat jinxtered għal ġol-lottijiet l-oħra li jkun hemm fis-sit tal-produzzjoni u fl-għelejjel suċċessivi tal-pjanti speċifikati jew f'siti oħra tal-produzzjoni;

(iii) jeqirdu jew jittrattaw il-materjal għat-tkabbir mill-inqas fi tmiem l-istaġun tal-kultivazzjoni b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli li jinxtered il-pest speċifikat;

(b) fis-siti tal-produzzjoni maħsuba għall-produzzjoni tal-frott speċifikat:

(i) jaqilgħu u jeqirdu l-pjanti speċifikati infettati kollha mis-sit tal-produzzjoni, mill-inqas fi tmiem l-istaġun tal-kultivazzjoni. It-tneħħija għandha titwettaq b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli ta' tixrid tal-pest speċifikat;

(ii) japplikaw miżuri tal-iġjene speċifiċi fuq il-persunal, fuq l-istrutturi, l-għodod u l-makkinarju fis-sit tal-produzzjoni, fuq il-materjali u l-mezzi tal-ippakkjar u tat-trasport tal-frott, biex jipprevjenu t-tixrid tal-pest speċifikat fl-għelejjel suċċessivi tal-pjanti speċifikati jew f'siti oħra tal-produzzjoni;

(iii) jeqirdu jew jittrattaw il-materjal għat-tkabbir mill-inqas fi tmiem l-istaġun tal-kultivazzjoni b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli ta' tixrid tal-pest speċifikat.

Artikolu 7

Moviment tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati fl-Unjoni

1. Il-pjanti għat-tħawwil speċifikati jistgħu jinġarru biss fl-Unjoni jekk ikunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti, maħruġ wara li l-awtorità kompetenti jew l-operatur professjonist ikkonċernat ikunu kkonkludew li l-kundizzjonijiet ta' hawn taħt ikunu kollha ssodisfati:

(a) il-pjanti għat-tħawwil speċifikati ikunu ġew minn żrieragħ speċifikati li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 8 u 10;

(b) il-pjanti għat-tħawwil speċifikati jkunu tkabbru f'sit tal-produzzjoni fejn ikun magħruf li ma jinsabx il-pest speċifikat, abbażi ta' spezzjonijiet uffiċjali li jkunu twettqu fiż-żmien ix-xieraq meta l-pest speċifikat ikun jista' jinstab;

(c) il-pjanti għat-tħawwil speċifikati li jkunu wrew sintomi tal-pest speċifikat ikunu ġew ikkampjunati u ttestjati mill-awtorità kompetenti, u dawk it-testijiet ikunu wrew li dawk il-pjanti kienu ħielsa mill-pest speċifikat;

(d) il-lottijiet tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati jkunu nżammu separati minn lottijiet oħra tal-pjanti speċifikati billi jkunu ġew applikati miżuri ta' iġjene xierqa.

Il-kampjunar għall-ittestjar, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, għandu jsir kif stabbilit fl-Anness.

2. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-ħruġ ta' passaport tal-pjanti ma għandhomx japplikaw għall-pjanti għat-tħawwil speċifikati ta' varjetajiet li huwa magħruf li huma reżistenti għall-pest speċifikat. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lista aġġornata regolarment ta' dawk il-varjetajiet reżistenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 8

Il-moviment ta' żrieragħ speċifikati fl-Unjoni

1. Iż-żrieragħ speċifikati jistgħu jinġarru biss fl-Unjoni jekk ikunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti li jkun inħareġ wara li l-awtorità kompetenti jew l-operatur professjonist ikkonċernat ikunu kkonkludew li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pjanti ommijiet taż-żrieragħ speċifikati jkunu ġew prodotti f'sit tal-produzzjoni fejn ikun magħruf li ma jinsabx il-pest speċifikat, abbażi ta' spezzjonijiet uffiċjali li jkunu twettqu fiż-żmien ix-xieraq biex issir detezzjoni tal-pest speċifikat;

(b) fil-każ ta' lott taż-żrieragħ speċifikati li joriġina minn aktar minn 30 pjanta omm li, qabel l-ipproċessar, ikun sarilhom kampjunar u ttestjar mill-awtorità kompetenti għall-preżenza tal-pest speċifikat kif stabbilit fl-Anness, jew ikun sarilhom kampjunar u ttestjar mill-operaturi professjonisti taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, u jkun instab, skont dawk it-testijiet, li huwa ħieles mill-pest speċifikat. Jekk ikun instab il-pest speċifikat, ikun ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti u l-lottijiet taż-żrieragħ speċifikati infettati ma għandhomx jinġarru fit-territorju tal-Unjoni;

(c) fil-każ ta' lott taż-żrieragħ speċifikati li joriġina minn 30 pjanta omm jew inqas, ikunu twettqu l-kampjunar u l-ittestjar għall-preżenza tal-pest speċifikat fuq iż-żrieragħ speċifikati jew fuq kull pjanta omm ta' dawk iż-żrieragħ speċifikati, mill-awtorità kompetenti jew mill-operaturi professjonisti taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, kif stabbilit fl-Anness. Skont dawk it-testijiet, iż-żrieragħ jew il-pjanti ommijiet speċifikati jkunu nstabu ħielsa mill-pest speċifikat. Kull fejn ikun instab il-pest speċifikat ikun ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti, u l-lottijiet taż-żrieragħ speċifikati li joriġinaw mill-pjanti ommijiet infettati ma għandhomx jinġarru fit-territorju tal-Unjoni;

(d) fil-każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-pest speċifikat, dak il-kampjunar u l-ittestjar għandu jitwettaq biss mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 87(3)(c) tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(e) l-oriġini tal-lottijiet kollha taż-żrieragħ speċifikati tiġi rreġistrata u ddokumentata.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) u (d), iż-żrieragħ speċifikati li jkunu nħasdu qabel il-31 ta' Awwissu 2023 u qabel ma jkunu nġarru għall-ewwel darba fl-Unjoni jkunu nstabu mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonist ikkonċernat li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191, jistgħu jinġarru fl-Unjoni akkumpanjati minn passaport tal-pjanti li jattesta l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

3. Il-lottijiet taż-żrieragħ speċifikati li jinġarru għall-ewwel darba fl-Unjoni mill-1 ta' April 2021 'il quddiem, u li ġew ittestjati qabel it-30 ta' Settembru 2020 bl-assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (Elisa), għandhom jerġgħu jiġu ttestjati b'metodu ta' ttestjar, għajr l-ELISA, kif imsemmi fil-punt 3 tal-Anness.

4. Il-kampjunar u l-ittestjar għandhom isiru kif stipulat fl-Anness.

5. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għall-ħruġ ta' passaport tal-pjanti ma għandhomx japplikaw għaż-żrieragħ speċifikati ta' varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lista aġġornata regolarment ta' dawk il-varjetajiet reżistenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 9

Introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati

1. Il-pjanti għat-tħawwil speċifikati, minbarra dawk tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, li joriġinaw minn pajjiżi terzi jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li, taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti għat-tħawwil speċifikati ġew minn żrieragħ li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10;

(b) dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti għat-tħawwil speċifikati ġew prodotti f'sit tal-produzzjoni li huwa rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini u magħruf li huwa ħieles mill-pest speċifikat abbażi ta' spezzjonijiet uffiċjali, kampjunar u ttestjar imwettqa fiż-żmien ix-xieraq biex jiġi identifikat dak il-pest;

(c) isem is-sit tal-produzzjoni rreġistrat.

2. Il-pjanti għat-tħawwil speċifikati tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, li joriġinaw minn pajjiżi terzi jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li, taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", jikkonferma dik ir-reżistenza.

Artikolu 10

Introduzzjoni fl-Unjoni taż-żrieragħ speċifikati

1. Iż-żrieragħ speċifikati, li joriġinaw minn pajjiżi terzi, minbarra dawk tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li, taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", jinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni uffiċjali li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ġew issodisfati:

(i) il-pjanti ommijiet taż-żrieragħ speċifikati kkonċernati jkunu ġew prodotti f'sit tal-produzzjoni fejn ikun magħruf li ma jinsabx il-pest speċifikat, abbażi ta' spezzjonijiet uffiċjali mwettqa fiż-żmien ix-xieraq biex issir detezzjoni tal-pest speċifikat;

(ii) fil-każ ta' lott taż-żrieragħ speċifikati li joriġinaw minn aktar minn 30 pjanta, qabel l-ipproċessar dak il-lott ta' żrieragħ speċifikati jkun għadda minn kampjunar u ttestjar uffiċjali għall-pest speċifikat kif stabbilit fl-Anness, u skont dawk it-testijiet, ikun instab ħieles mill-pest speċifikat;

(iii) fil-każ ta' lott taż-żrieragħ speċifikati li joriġinaw minn 30 pjanta omm jew inqas, ikunu twettqu l-kampjunar u l-ittestjar, kif stabbilit fl-Anness, fuq iż-żrieragħ speċifikati, jew fuq kull pjanta omm individwali ta' dawk iż-żrieragħ speċifikati. Iż-żrieragħ jew il-pjanti ommijiet speċifikati jkunu nstabu minn dawk it-testijiet, li huma ħielsa mill-pest speċifikat;

(b) informazzjoni li tiżgura t-traċċabbiltà tas-sit tal-produzzjoni tal-pjanti ommijiet.

2. Iż-żrieragħ speċifikati tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, li joriġinaw minn pajjiżi terzi jistgħu jiddaħħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li, taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", jikkonferma dik ir-reżistenza.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a), iż-żrieragħ speċifikati li jkunu nħasdu qabel il-31 ta' Awwissu 2023 u qabel l-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni jkunu nstabu li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191, jistgħu jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", ikun fih id-dikjarazzjoni li ġejja: "Dawn iż-żrieragħ inħasdu qabel il-31 ta' Awwissu 2023 u nstab li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2020/1191".

Artikolu 11

Kontrolli uffiċjali mal-introduzzjoni fl-Unjoni

Għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati mill-awtorità kompetenti fil-post ta' kontroll mal-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni jew f'punt ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2123, mhux inqas minn 20 % tal-kunsinni taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati, kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Għall-kunsinni taż-żrieragħ speċifikati u tal-pjanti għat-tħawwil speċifikati li joriġinaw minn Iżrael u miċ-Ċina, dik ir-rata ta' teħid ta' kampjuni u ttestjar għandha tkun ta' 50 % u 100 %, rispettivament.

Artikolu 12

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191

Fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1191, id-data "Il-31 ta' Mejju 2023" tinbidel bid-data "Il-31 ta' Awwissu 2023".

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. **Skemi ta' kampjunar taż-żrieragħ speċifikati, għajr dawk tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat**

Il-kampjunar taż-żrieragħ għall-ittestjar għandu jitwettaq bl-iskemi ta' kampjunar li ġejjin, skont il-lottijiet taż-żrieragħ kif imsemmija fit-tabelli rilevanti tal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 31 "Methodologies for sampling of consignments" (ISPM31):

(a) għal lott ta' żrieragħ li joriġina minn 30 pjanti ommijiet jew inqas:

— tintuża skema ta' kampjunar iperġeometrika li kapaċi tidentifika livell ta' preżenza ta' pjanti infettati ta' 10 % jew iżjed b'affidabbiltà ta' 95 %; jew

— l-ittestjar ta' kull pjanta omm tal-lott taż-żrieragħ;

(b) għal-lott li fih 3 000 żerriegħa jew inqas: tintuża skema ta' kampjunar iperġeometrika li kapaċi tidentifika livell ta' preżenza ta' pjanti infettati ta' 10 % jew iżjed b'affidabbiltà ta' 95 %;

(c) għal lott li jkun fih aktar minn 3 000 żerriegħa iżda inqas minn 30 000: tintuża skema ta' kampjunar li kapaċi tidentifika livell ta' preżenza ta' pjanti infettati ta' 1 % jew iżjed b'affidabbiltà ta' 95 %;

(d) għal lott li fih aktar minn 30 000 żerriegħa: tintuża skema ta' kampjunar li kapaċi tidentifika livell ta' preżenza ta' pjanti infettati ta' 0,1 % jew iżjed b'affidabbiltà ta' 95 %.

Is-sottokampjuni għandhom jikkonsistu minn massimu ta' 1 000 żerriegħa għall-metodi ta' Reazzjoni Katina bil-Polimeraży (PCR).

2. **Skemi ta' kampjunar tal-pjanti speċifikati, għajr dawk tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat**

(a) Fil-każ ta' dawk il-pjanti speċifikati, għandu jinġabar mill-inqas kampjun wieħed li jkun fih sa 200 werqa żgħira min-naħa ta' fuq tal-pjanta, jew sepali mill-frott, għal kull sit tal-produzzjoni u għal kull kultivar, fejn japplika.

(b) Fil-każ ta' pjanti sintomatiċi, il-kampjunar għall-ittestjar għandu jsir fuq mill-inqas 3 werqat sintomatiċi.

(c) Fil-każ tal-ittestjar tal-pjanti ommijiet, għandhom jinġabru l-weraq iż-żgħar min-naħa ta' fuq tal-pjanta, jew is-sepali mill-frott, skont il-każ.

3. **Metodi ta' ttestjar għad-detezzjoni u l-identifikazzjoni tal-pest speċifikat fuq iż-żrieragħ, għajr iż-żrieragħ tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat**

Għad-detezzjoni tal-pest speċifikat fuq iż-żrieragħ speċifikati għandu jintuża wieħed minn dawn il-metodi tal-ittestjar li ġejjin:

— RT-PCR f'ħin reali bl-użu tal-primers u tas-sondi deskritti fil-protokoll tal-ISF (2020) ([1]);

— RT-PCR f'ħin reali bl-użu ta' primers u ta' sonda ta' Menzel u Winter (2021) ([2]);

— PCR f'ħin reali bl-użu ta' primers u sonda skont Bernabé-Orts *et al.* (2021) ([3]).

Fil-każ ta' riżultat pożittiv tat-test ta' detezzjoni, għandu jitwettaq metodu tal-ittestjar ieħor, differenti minn dak użat għad-detezzjoni, b'wieħed mill-metodi tal-RT-PCR f'ħin reali elenkati hawn fuq, billi jintuża l-istess kampjun biex tiġi kkonfermata l-identifikazzjoni. F'każ li tinkiseb inkonsistenza bejn ir-riżultati tad-detezzjoni u tal-identifikazzjoni għaż-żrieragħ miksija, għandu jitneħħa l-kisi taż-żrieragħ u ż-żrieragħ għandhom jiġu ttestjati mill-ġdid jekk ikun japplika.

([1]) ISF (2020) Detection of Infectious Tomato brown rugose fruit virus (ToBRFV) in Tomato and Pepper Seed. https://worldseed.org/our-work/seed-health/ishi-methods/, verżjoni 1.5, imtellgħa 29.3.2023.

([2]) Menzel, W. & Winter, S. (2021). Identification of novel and known tobamoviruses in tomato and other solanaceous crops using a new pair of generic primers and development of a specific RT- qPCR for ToBRFV. *Acta Horticulturae* 1316, pp. 143-148.

([3]) Bernabé-Orts, J.M., Torre, C., Méndez-López, E., Hernando, Y., Aranda, M.A. (2021) New Resources for the Specific and Sensitive Detection of the Emerging Tomato Brown Rugose Fruit Virus. *Viruses* 13, 1680.

4. **Metodi ta' ttestjar għad-detezzjoni u għall-identifikazzjoni tal-pest speċifikat fuq il-pjanti speċifikati, għajr dawk tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, u fuq il-frott speċifikat**

Għandu jitwettaq wieħed mill-metodi ta' ttestjar li ġejjin għad-detezzjoni tal-pest speċifikat fuq il-pjanti speċifikati, għajr dawk tal-varjetajiet magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, u fuq il-frott speċifikat:

— ELISA, għall-materjal sintomatiku biss;

— RT-PCR konvenzjonali bl-użu tal-primers skont Alkowni *et al.* (2019) ([4]);

— RT-PCR konvenzjonali bl-użu tal-primers skont Rodriguez-Mendoza *et al.* (2019) ([5]);

— RT-PCR f'ħin reali bl-użu tal-primers u tas-sondi deskritti fil-protokoll tal-ISF (2020) ([6]);

— RT-PCR f'ħin reali bl-użu ta' primers u ta' sonda skont Menzel u Winter (2021) ([7]);

— PCR f'ħin reali bl-użu ta' primers u ta' sonda skont Bernabé-Orts *et al.* (2021) ([8]).

Fil-każ ta' riżultat pożittiv tat-test ta' detezzjoni, għandu jitwettaq metodu tal-ittestjar ieħor, differenti minn dak użat għad-detezzjoni, b'wieħed mill-metodi RT-PCR elenkati hawn fuq, billi jintuża l-istess kampjun biex tiġi kkonfermata l-identifikazzjoni.

([4]) Alkowni, R, Alabdallah, O., Fadda, Z. (2019) Molecular identification of tomato brown rugose fruit virus in tomato in Palestine. *Journal of Plant Pathology* 101(3), 719–723.

([5]) Rodríguez-Mendoza, J., Garcia-Avila, C.J., López-Buenfil, J.A., Araujo- Ruiz, K., Quezada, A., Cambrón-Crisantos, J.M., Ochoa-Martínez, D.L. (2019) Identification of Tomato brown rugose fruit virus by RT-PCR from a coding region or replicase. *Mexican Journal of Phytopathology* 37(2), 346–356.

([6]) ISF (2020) Detection of Infectious Tomato brown rugose fruit virus (ToBRFV) in Tomato and Pepper Seed. https://worldseed.org/our-work/seed-health/ishi-methods/, verżjoni 1.5, imtellgħa 29.3.2023.

([7]) Menzel, W. & Winter, S. (2021). Identification of novel and known tobamoviruses in tomato and other solanaceous crops using a new pair of generic primers and development of a specific RT- qPCR for ToBRFV. *Acta Horticulturae* 1316, pp. 143-148.

([8]) Bernabé-Orts, J.M., Torre, C., Méndez-López, E., Hernando, Y., Aranda, M.A. (2021) New Resources for the Specific and Sensitive Detection of the Emerging Tomato Brown Rugose Fruit Virus. *Viruses* 13, 1680.